Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union


NEWSLETTER 01
2019-1-ESO1-KA204-063951


EcoBLUE Tourism

# Ecoblue Tourism

## Ibda negozju f'turiżmu ekoloġiku

## Il-membri tal-proġett ħadu sehem f'laqgħa interattiva




### Erasmus+ Days

L-FUE-UJI organizzat avveniment online tal proġett tal-'Ecoblue Tourism' permezz ta' networks soċjali li jikkonsistu f'vidjow dirett l fih, il-parteċipanti tgħallmu fatti interessanti dwar l-ekoturiżmu fiż-żoni kostali. L-avveniment kien jikkonsisti f'kwestjonarju interattiv ta' 10 mistoqsijiet li sar f'20 minuta. L-avveniment seħħ nhar il-Ġimgħa, 16 ta'Ottubru għall-ħabta tal-11:00.

### L-'Ecoblue Tourism' ġie preżentat fil-konferenza tal-Erasmus+ fl-Universitat Jaume I

It-tieni laqgħa transnazzjonali tal-proġett tal-'Ecoblue Tourism' fuq l-intraprenditorija tal-ekoturiżmu saret fl-20 ta' Ottubru f'format hybrid. Il-laqgħa tal-konsorzju ospitat uħud mill-imsieħba tal-proġett fil-kwartieri ġenerali ta' Future Focus f'Malta. Uħud mill-membri tal-konsorzju attendew onlajn.




UNIVERSITAT JAUME I · FUNDACIÓ UNIVERSITAT EMPRESA · EUROFUE-UJI · FUTURE FOCUS Ltd · TRAINING2000

AEGARE Asociación de Empresarios Gallegos de Riberas del Ebro · ΠΑΝΕΠΙΣΤΗΜΙΟ ΠΑΤΡΩΝ UNIVERSITY OF PATRAS · DORSA EDUCATIONAL INSTITUTE



Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**NEWSLETTER 01**

2019-1-ESO1-KA204-063951

# Ecoblue Tourism

## Ibda negozju f'turiżmu ekoloġiku

### Il-pjattaforma tal-e-learning tal 'Ecoblue tourism' u l-app tal-mowbajl.

Fl-20 ta' Ottubru saret il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tal-mowbajl, li fiha se jkun ospitat il-materjal tat-taħriġ. Permezz ta' din l-applikazzjoni, żgħażagħ qiegħda fit-tul, ser ikunu jistgħu jitħarrġu f'attivitajiet ekoloġiċi li jirrispettaw l-ekosistemi tal-baħar.









Il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku tal-'Ecoblue Tourism' u l-app tal-mowbajl huma applikazzjonijiet li jimxu kemm fuq il-kompjuters kif ukoll fuq smartphones u tablets kompatibbli mas-sistemi tal-android u iOs. Il-kontenut huwa relatat mal-intraprenditorija biex takkwista ħiliet intraprenditorjali u biex toħloq intrapriża tal-ekoturiżmu blu.

Rigward l-ambitu tal-'Ecoblue Tourism', bosta pjattaformi tat-tagħlim ġew ikkomparati. Ir-rakkomandazzjonijiet waslu għall-Moodle minħabba li għandu l-akbar sehem fis-suq għal sistemi ta' ġestjoni tat-tagħlim ta' bosta sorsi. Ħafna proġetti jużaw il-Moodle biex joħolqu sistemi ta' ġestjoni tat-tagħlim mibnija fuqu.

L-app tat-tagħlim mobbli tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-imsieħba, kif ukoll bl-Ingliz. Id-deċiżjoni dwar il-kontenut hija bbażata fuq intervisti u kwestjonarji minn gruppi fil-mira u benefiċjarji finali u billi tkun ibbażata fuq l-opinjonijiet ta' esperti f'dan il-qasam.

www.ecobluetourism.eu @ecobluetourism1 @Ecobluetourism


***Disclaimer:** The European Commission's support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents, which reflect the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.*